# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-29 TA' NOVEMBRU 2022**

**Kawża numru:7**

**Rik. Ġur. 1429/99 RGM**

**Joseph Chetcuti Bonavita u David Cassar,**

**u b'digriet tat-12 ta' Awissu 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem Kurt Bonavita u Karl Chetcuti Bonavita stante l-mewt ta' Joseph Chetcuti Bonavita.**

**vs.**

**Edward J. Fuchs f'ismu proprju u bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera "Gunny Oilfield Services Limited" u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2010 l-atti ġew trasfużi f'isem Teresa Micallef stante l-mewt ta' Edward J. Fuchs.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar talba tal-atturi sabiex jiġi sfilzat rapport taż-żewġ periti kaligrafi addizzjonali għal diversi raġunijiet fosthom li fil-qadi tal-inkarigu lilhom mogħti ma ħadux konjizzjoni u/jew in konsiderazzjoni tar-rapport tal-ewwel perit kaligrafu.

2. Permezz tal-kawża odjerna l-atturi Joseph Chetcuti Bonavita et. ħarku lill-konvenut Edwar J Fucks f'ismu proprju u f'isem kumpanija tiegħu reġistrata fl-esteru għall-ħlas ta' senserija kif ukoll għall-ħlas ta' kumpens talli l-konvenut ma onorax il-ftehim li allegatament laħaq mal-atturi li jimpjeghom fi proġett ġewwa l-Libja, liema proġett skond l-atturi kien ser iseħħ bl-intervent u bil-ħidma tagħhom.

3. Il-konvenut, illum nieqes bil-ġudizzju trasfuż f'isem Teresa Micallef, kien ikkontesta l-kawża.

4. Fil-vesti personali tiegħu eċċepixxa li ma hux il-leġittimu kontradittur in kwantu huwa personalment qatt ma għamel l-ebda negozju u qatt ma ffirma xejn personalment in konnessjoni mal-proġett mertu tal-kawża; filwaqt li fil-vesti ta' rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti stante li l-kumpanija hija reġistrata fl-esteru.

5. Fil-mertu il-pretensjonijiet ġew ukoll kontestati peress li skond il-konvenut, l-atturi ma għamlu l-ebda atti ta' senserija. Ġiet ukoll kontestata l-allegazzjoni tal-atturi illi huwa kien ikkommetta ruħu magħhom li jimpjeghom in relazzjoni mal-proġett ġewwa l-Libja.

6. Ġara illi fis-6 ta' Mejju 2003, meta l-atturi kienu waslu sabiex jagħlqu l-provi tagħhom, dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-ġurisdizzjoni, l-attur Joseph Chetcuti Bonavita ippreżenta affidavit addizzjonali fejn jgħid "...li jien kont qed inqalleb fil-karti li ghandi

id-dar u sibt dokument li ghadu qatt ma gie esibit u li qed nesibixxi mal-presenti - dan igib id-data tat-03 ta' Diċembru 1998.

7. Il-konvenut ikkontesta l-firma tiegħu fuq dak id-dokument u din il-qorti diversament presjeduta ħatret perit kaligrafu li b'rapport ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2005 u maħluf fis-27 ta' April 2005 irrelata illi "*... niġi għall-konklużżjoni – issa purament grafika - li għar-raġunijiet li ġa semmejt, jiġifieri dawk ta' kostruzzjoni, ħeffa, inklinazzjoni, forma u aspett ġenerali, insostni li l-firma li tidher fuq Dok. 'O' a fol 238 hija ġenwina u hi magħmula minn Edward J. Fuchs*."

8. Fuq talba tal-konvenut, din il-Qorti diversament presjeduta kienet ħatret periti addizzjonali li irrelataw illi l-firma fuq Dok 'O' a fol 238 ma kenitx tal-konvenut. Wara li saret l-eskussjoni tal-periti addizzjonali l-atturi saru jafu b'ċirkostanzi dwar wieħed mill-periti addizzjonali li wassalhom sabiex jitolbu l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali. B'digriet tal-24 ta' April 2015 l-ewwel qorti kienet ċaħdet dik it-talba. L-atturi appellaw u b'sentenza tad-29 ta' April 2016 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u ordnat l-isfilz milll-atti tar-rapport tal-periti addizzjonali.

9. Il-qorti għalhekk kienet għaddiet sabiex ħatret żewġ periti addizzjonali oħra wieħed residenti f'Malta, ieħor residenti fl-esteru. Meta l-perit addizzjonali Malti mar sabiex jirtira mill-proċess id-dokument oriġinali li kien meħtieġ jiġi eżaminat dwar il-firma tal-konvenut, dan id-dokument ma nstabx fl-atti.

10. Irriżulta illi d-dokument 'O' a fol. 238 is-suġġett tal-perizja, kien ġie irtirat minn wieħed mill-ewwel periti addizzjonali iżda wara li ġie rritornat l-inkartament tagħhom dan id-dokument ma deherx aktar in atti. Dan jirriżulta minn verbal ta' seduta quddiem din il-qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Mejju 2018 fejn l-espert kaligrafu

addizzjonali Joseph Mallia informa lill-Qorti illi d-dokument bil-firma oriġinali ma kienx instab fil-proċess.

11. Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 xhedu ż-żewġ periti addizzjonali li r-rapport tagħhom kien ġie sfilzat. Informaw lill-Qorti illi d-dokument oriġinali kien ġie ritornat mar-relazzjoni tagħhom.

12. Sallum dan id-dokument oriġinali baqa' ma nstabx.

13. Il-konvenuti baqgħu jinsistu għall-perizja perizjuri f'dawk iċ-ċirkostanzi u għalhekk il-qorti sejħet lill-espert kaligrafu Mallia għas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2019 fejn spjega id-diffikultajiet li espert kaligrafu jirriskontra meta jiġi mitlub li jirrelata dwar l-awtur ta' firma minn fuq fotokopja u mhux minn fuq l-oriġinal.

14. Il-Qorti għalhekk b'digriet tal-5 ta' Awissu 2019 idderiġiet lill-periti addizzjonali maħtura l-aħħar u cioe' Joseph Mallia u Susan Ord, sabiex (i) jieħdu konjizzjoni tal-firem fuq id-dokumenti kollha indikati mill-atturi b'nota tat-2 ta' Awissu 2019 u d-dokumenti indikati mill-konvenuta b'nota tal-25 ta' Lulju 2019; (2) jieħdu konjizzjoni mhux tar-rapport sfilzat iżda biss tal-ingrandimenti magħmula mill-periti addizzjonali preċedenti tad-dokument li ma nstabx u xejn aktar.

15. B'rikors tat-28 ta' Mejju 2020 l-espert kaligrafu Joseph Mallia talab li jingħata l-permess sabiex jiffotografa permezz ta' mikroskopju u machro lenses il-kopja tal-firma (ingrandita) li kienu għamlu l-esperti addizzjonali preċedenti, liema talba ġiet akkordata b'digriet tad-29 ta' Mejju 2020.

16. L-esperta kaligrafa Susan Ord f'email tat-2 ta' Ġunju 2020 mibgħuta lill-espert l-ieħor Joseph Mallia b'risposta għall-email li rċeviet mingħandu dwar jekk tqisx li tista' tirrelata b'dak li irċeviet irrispondiet hekk:

"Is your point 1 below asking if the signature is good enough quality to examine? If so, it is not ideal quality but I've seen a lot worse. It could be used if that is the best sample available. When examining a copy, I usually find that my opinion is less certain as pressure cannot be examined and ink stroke is vague."

17. B'digriet tal-10 ta' Ġunju 2020 l-Qorti (1) kkonfermat id-digriet preċedenti tagħha tal-5 ta' Awissu 2019 li permezz tiegħu kienet ordnat lill-esperti addizzjonali jieħdu konjizzjoni tal-ingrandimenti magħmula mill-periti addizzjonali preċedenti li kienu saru minn fuq id-dokument oriġinali, eventwalment mitluf/misruq[1], u innominat lil Susan Ord bħala esperta addizzjonali flimkien ma' Joseph Mallia.

18. Fit-12 ta' Mejju 2021 il-periti addizzjonali Mallia u Ord ippreżentaw ir-rapport tagħhom fejn in konklużżjoni jikkonkludu illi:

    "After careful examination of the questioned signature and comparison signatures it is our agreed opinion that the questioned signature 238 is **probably not written by Mr E Fuchs.**"

19. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022 saret l-eskussjoni tal-periti addizzjonali.

20. Fid-9 ta' Marzu 2022 l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali peress li skond l-atturi, (i) l-periti addizzjonali ma mxewx dilġentement ma' dak ordnat mill-Qorti, (ii) lanqas imxew ma' dak li kien miftiehem bejn il-partijiet, u (iii) ir-relazzjoni addizzjonali ma jistax ikollha u ma ghandha assolutament ebda validita' legali.

[1] Dana għaliex fir-rapport tal-ewwel espert kaligrafu Joseph Gaffiero (fol 293) ma kienux saru ingrandimenti tal-firma kontestata.

21. Il-konvenuta Teresa Micallef irrispondiet fit-22 ta’ April 2022 fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għat-talba tal-atturi għall-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali.

22. Il-Qorti, wara li semgħat lill-avukati tal-partijiet jitrattaw l-imsemmi rikors waqt is-seduta tal-1 ta’ Ġunju 2022 kif ukoll reġgħat semgħat lill-espert kaligrafu addizzjonali Joseph Mallia fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2022, ħalliet ir-rikors għall-provvediment.

Ikkunsidrat;

23. L-atturi qed jitolbu l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali peress illi skond l-atturi jirriżulta (i) illi it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija quddiem l-ewwel espert kaligrafu Joseph Gaffiero ma intbaghtitx minn Joseph Mallia lill-ko esperta Susan Ord; (ii) illi Joseph Mallia ma bagħatx lil Susan Ord kopja tar-rapport peritali tal-ewwel espert ġudizzarju Joseph Gaffiero; (iii) Susan Ord ikkonfermat waqt l-eskussjoni illi lanqas kienet taf bl-eżistenza tal-ewwel rapport; (iv) l-esperti addizzjonali qdew l-inkarigu tagħhom daqslikieku ma kienx hemm in atti rapport peritali magħmul mill-ewwel perit tekniku; (v) illi d-deposizzjoni ta’ Edward Fuchs quddiem l-ewwel perit kaligrafu ma ittieħditx in konsiderazzjoni; (vi) illi f’seduta tat-12 ta’ Settembru 2017 quddiem il-perit kaligrafu Joseph Mallia kien ġie miftiehem u verbalizzat “illi ir-rapport tekniku esebit mis-sur Joseph Gaffiero dwar dan il-kaz jigi ri-ezaminat mill-esperti nominati mill-Onorabbli Qorti fil-perizja perizjuri”; (vii) irriżulta mill-eskussjoni illi ir-rapport tal-perit kaligrafu Gaffiero kien jaf bih biss Mallia u mhux ukoll Ord proprju għaliex Mallia ma bgħattx kopja tiegħu lil Ord allavolja kien għamel traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliża; (viii) numru ta’ dokumenti oriġinali li l-atturi talbu li jiġu eżaminati l-ewwel minn Mallia u imbagħad jintbagħtu lil Ord (nota tal-atturi a fol 567) fil-fatt ma ntbagħtux u ma ġewx eżaminati mill-esperti addizzjonali fosthom id-dokumenti li jinstabu a fol. 101, 103, 105, 175, 180, 204, 213, 218, 223, 256, 258, 266, 282, 299 u 300.

24. Fir-risposta tagħha l-konvenuta Micallef topponi għall-isfilz mitlub mill-atturi. Tikkontendi illi l-inkarigu tal-periti addizzjonali kien wieħed purament xjentifiku u allura kellu jkun kompletament indipendenti mill-eżerċizzju magħmul mill-ewwel perit kaligrafu. Il-periti addizzjonali waslu għall-konklużżjoni konġunta tagħhom ibbażata fuq l-eżami forensiku komprensiv minnu mwettaq. Issottomettiet illi l-Qorti tista' dejjem tippermetti li l-perit addizzjonali Ord tiġi mgħarrfa bl-ewwel rapport u tiġi mitluba jekk wara tali eżami tvarjax l-opinjoni tagħha. Dwar li l-esperti addizzjonali ma eżaminawx id-dokumenti kollha indikati mill-atturi tgħid illi sta għall-esperti liema mill-firem disponibbli jagħżlu sabiex jikonduċu l-eżerċizzju forensiku tagħhom.

25. Il-Qorti tqis illi l-iskop veru u proprju ta' perizja addizzjonali huwa li l-periti addizzjonal jeżaminaw il-provi kollha li kellu quddiemu l-ewwel espert ġudizzjarju, jagħmlu l-analiżi indipendenti tagħhom u jirrelataw indipendentement mill-konklużżjonijiet tal-ewwel espert. Il-kompitu primarju ta' esperti ġudizzjarji addizzjonali ma hux li jagħmlu eżerċizzju ta' kritika ta' l-ewwel rapport iżda li jeżaminaw l-evidenza li kienet disponibbli għall-ewwel perit u b'mod objettiv u indipendenti jirrelataw sabiex il-qorti jkollha ad disposizzjoni tagħha aktar minn opinjoni waħda tenut kont li l-ewwel relazzjoni tkun ġiet ikkontestata minn xi ħadd mill-partijiet.

26. **Artikolu 674 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> (1) Il-qorti, b'talba ta' parti jew oħra, tista' tgħaddi għall-ħatra ta' periti addizzjonali li għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom hekk kif jaslu għal deċiżjoni fuq il-perizja.
>
> (2) Meta l-periti jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom b'maġġoranza tal-voti, ir-rapport għandu jsemmi l-fatt

li kien hemm membru li ma jaqbilx, f'hiex ma jaqbilx u għaliex.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu għandhom mutatis mutandis jgħoddu għal periti addizzjonali.

27. Kif jiddisponi Artikolu 644 tal-Kap 12 "Il-prova bil-mezz ta' perit jew periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-qorti minn jeddha". Il-prova bil-mezz tal-periti addizzjonali għandha l-istess valur probatorju bħal dik tal-ewwel perizja. Tant hu hekk illi fejn perizja tirrigwarda valutazzjoni, l-qorti tista' tinnomina żewġ periti addizzjonali u jekk il-valutazzjoni tagħhom tkun differenti minn dik tal-ewwel perit, tieħu l-medja bejniethom it-tlieta (**Artikolu 675 Kap 12**).[2] Dan l-artikolu huwa indikattiv illi l-periti addizzjonali jesplitaw l-inkarigu lilhom mogħti billi janalizzaw u jgħarblu l-evidenza fl-atti u mhux jagħmlu kritika tal-ewwel rapport. Ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali għandha l-istess valur probatorju daqs ir-relazzjoni ta' l-ewwel perit tant li l-qorti hija mogħtija s-setgħa li tiskarta l-konklużżjonijiet milħuqa f'perizja jekk tali konklużżjoni tkun kontra l-konvinzjoni tal-qorti, indipendentement jekk ir-relazzjoni tkunx ta' l-ewwel perit nominat jew inkella tal-periti addizzjonali.[3]

28. Fil-każ odjern in-nomina tal-periti addizzjonali saret fi sfond fejn il-periti addizzjonali ma setax ikollhom quddiemhom u allura ma setgħux jeżaminaw u jevalwaw l-istess evidenza li kellu quddiemu

[2] Artikolu 675 Kap 12: Meta l-perizja hija dwar valutazzjoni jew likwidazzjoni, il-qorti, fil-każ il-wieħed u l-ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tista' taħtar żewġ periti addizzjonali; u fuq ir-rapport tagħhom tordna li tittieħed il-medja tas-somom iffissati fir-rapporti kollha li ma jaqblux.
[3] Artikolu 681 Kap 12.

l-ewwel espert kaligrafu proprju peress li d-dokument oriġinali intilef jew insteraq mill-proċess.

29. Meta l-Qorti innominat lil Mallia u lil Ord bħala periti addizzjonali imkien ma jissemma li r-rapport tal-ewwel perit kaligrafu kellu jintbgħat lil Ord. Dan ma kienx xi lapsus.

30. Rinfaċjata bl-isparizzjoni tad-dokument oriġinali in kwistjoni u bit-talba pendenti tal-konvenuti għal perizja perizjuri, il-Qorti qieset x'possibilita' kien hemm li n-nomina ssir nonostante din id-diffikulta'.

31. Meta eżaminat tar-rapport tal-Perit Kaligrafu Joseph Gaffiero jirriżulta illi l-eżerċizzju magħmul kien wieħed okulari mingħajr l-assistenza ta' strumenti ta' ingrandiment. Tant hu hekk illi mar-rapport Gaffiero ma hemm l-ebda ingrandimenti, la tal-firma oriġinali in kwistjoni u lanqas ta' firem oħra.

32. Dawn l-ingrandimenti saru pero' minn fuq l-oriġinal mill-esperti li kellhom ir-rapport tagħhom sfilzat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell, mhux għaliex kien hemm difett fl-analiżi forensika minnhom magħmula imma għal raġunijiet oħra. Il-Qorti għalhekk qieset li fiċ-ċirkostanzi l-uniku mod kif il-periti addizzjonali setgħu jaqdu l-inkarigu tagħhom in mankanza tad-dokument oriġinali kien illi jużaw l-ingrandimenti magħmula mill-esperti addizzjonali preċedenti.

33. Bil-fatt li l-esperti addizzjonali Mallia u Ord ma ħadux konjizzjoni tal-ewwel rapport ma jnaqqas xejn mill-valur tal-eżerċizzju forensiku li għamlu li mhux b'sorpriża ma waslux għall-konklużżjoni ta' ċertezza iżda għall-konklużżjoni ta' probabilita'.

34. Bil-fatt li d-dokument oriġinali mertu tal-perizja m'għadux għad-disposizzjoni tal-Qorti għaliex m'għadux fl-atti, il-periti

addizzjonali ma jistgħux jirrepetu l-eżerċizzju li għamel l-ewwel perit kaligrafu stante li d-dokument oriġinali ma instabx.

35. Il-perizja addizzjonali fil-verita' ma tista qatt tilħaq il-livell tal-ewwel perizja tenut kont li l-ewwel perit kaligrafu kellu quddiemu d-dokument oriġinali bil-firma oriġinali fuqu; filwaqt li periti addizzjonali tali dokument qatt ma kellhom l-opportunita' jarawh. Dan il-partijiet kienu jafuh qabel ma' l-Qorti wara ħafna rikorsi u sottomissjonijiet u verifiki mal-espert Mallia għaddiet sabiex ħatret il-periti addizzjonali.

36. Isegwi għalhekk illi in-nuqqas tal-periti addizzjonali li jieħdu konjizzjoni tal-konklużżjonijet tal-ewwel espert kaligrafu m'għandiex twassal għall-miżura estrema tal-isfilz tar-rapport tagħhom.

**Digriet**.

Għal dawn il-motivi,

1. **Tiċħad** it-talba tal-atturi imressqa bir-rikors tagħhom tad-9 ta' Marzu 2022 għall-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali Joseph Mallia u Susan Ord.

**Moqri.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Novembru 2022